MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1168/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Clint Callus (K.I. 301788M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elfejn, hames mija u erba’ ewro u tlieta u erbghin centezmu (€2,504.43) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti provduti lill-istess a bazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (dokument ‘A’ ta’ rendikont anness mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat.

Illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa’ inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fil-25 ta’ Frar, 2011 mill-Avukat Charlene Briffa u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal u ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ghall-ispejjez, bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------